**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 15/2016**

**L-Avukat John Buttigieg ID Card No 577545M**
**Rose Brincat mart l-avukat Joe Brincat ID Card No 673446M**
**Avukat Emanuel Buttigieg ID Card No 491548M**
**Carmen Houlton mart Joseph Houlton ID Card No 812950M**
**Monica Magro mart Herman Magro ID Card No 193553M**
**Gaetana sive Tania armla ta' John Wismayer ID Card No 633150M**
**John Joseph Wismayer ID Card No 392851M**
**Julie Anne mart Norbert Friggieri ID Card No 534277M**
**u b'digriet tal-Bord tat-23 t'Ottubru 2020 l-atti tal-kawza f'isem Gaetana sive Tania armla ta' John Wismayer ID Card No 633150M gew trasfuzi f'isem Matthew Wismayer ID Card No 0122072M u Rachel Calleja Wismayer ID Card No 0173474M**

**vs**

**Carmelo sive Charles Agius u martu Josephine Agius u b'digriet tal-Bord tal-25 t'Ottubru 2022, l-atti tal-kawza f'isem Carmel Agius gew trasfuzi f'isem Josephine Agius nee' Abela (K.I. 342042M)**

**Illum, 25 t'Ottubru 2022**

Il-Bord;

Ra ir-rikors ta' l-avukat John Buttigieg (K.I. 577545M) et ipprezentat fir-Registru ta' dawn il-Qrati nhar is-17 ta' Frar 2016, fejn talab lil dan il-Bord[1]:

> "Illi huma jikru l-fond 25 St Francis Street, Hamrun bl-arja tieghu lill-intimati bil-kera ta' €203.13 (mitejn u tlett euros u tlettax-il centezmu) fis-sena, l-ewwel skadenza li jmiss hija fl-1 ta' Jannar 2017.
>
> Illi dan il-fond huwa mikri principalment bhala garage.
>
> Illi l-intimati huma moruzi fil-hlas tal-kera billi ma halsux tmien skadenzi tal-kera li bdew jghoddu mill-1 ta' Jannar 2008.
>
> Illi r-rikorrenti interpella lill-intimati sabiex jhallsu dawn l-iskadenzi ta' kera permezz ta' ittra ufficjali datata 27 ta' Mejju 2011 u ittra ufficjali ohra tal-15 t' Ottubru 2015, izda dawn baqghu inadempjenti.
>
> Ghal dawn ir-ragunijiet r-rikkorenti jitolbu umilment li jigu aetorizzati minn dan il-Board sabiex ma igeddux il-lokazzjoni ta' dan il-fond favur l-intimati u li jordnaw li l-intimat illi jizgombra mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn dan il-Bord."

Ra ir-risposta tal-intimati a folio 6 tal-process fejn eccepew:

[1] A folio 1 tal-process.

"Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huma nondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba r-ragunijiet segwenti:

i. Illi l-esponenti dejjem ottemperaw rwiehom mat-termini kollha tal-kuntratt ta' kera u dan kif ser jirrizulta ampjament fil-mori tal-kawza.

ii. Illi l-esponenti dejjem hallsu l-kera minnhom dovuta kuntrarjament ghal dak li qed jigi allegat mir-rikorrenti u ma hemm l-ebda skadenza ta' kera.

iii. Illi percio' l-esponenti m' humiexx debituri tar-rikorrenti fl-ebda ammont.

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti sabiex jigu awtorizzati ma' jgeddux il-lokazzjoni ta' dan il-fond a favur taghhom u kif ukoll sabiex l-intimati jigu ordnati jizgombraw mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn dan il-Bord huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez."

Ra d-dokumenti u l-atti prezentati.

Ra l-affidavits u ix-xhieda tal-partijiet.

**Fatti fil-Qosor**

Din il-vertenza bejn il-partijiet tirrigwarda l-fond numru 25 St. Francis Street Hamrun li huwa terran bl-arja tieghu.  Dan il-fond intiret mir-rikorrenti minghand iz-zija taghhom certa Helen Gauci. Dan il-fond milli jidher huwa garage b'xi spazju fuq wara, pero' fuq dan il-punt hemm divergenza bejn il-partijiet.

Jidher li l-intimati ma hallsux xi skadenzi tal-kera fil-hin u ghalhekk ir-rikorrenti baghtulhom ittra ufficjali u l-arretrati tal-kera gew finalment iddepozitati il-Qorti permezz ta' cedola bin-numru 1237/11. Bejn l-ittra ufficjali u ic-cedola jidher li l-intimati ppruvaw ihallsu l-kirja direttament lill-Avukat John Buttigieg pero' dan ma acettahiex minhabba li skont hu kienet *fuori termine*.

Kienet intbaghtet ittra ufficjali ohra fil-15 ta' Ottubru 2015 dwar arretrati ohra ta' kera fuq l-istess fond pero' sal-ftuh tal-kawza milli jidher ma gew mghoddija l-ebda flejjes la direttament lir-rikorrenti u lanqas permezz ta' xi cedola ta' depozitu l-Qorti.

**Provi**

Xehed permezz ta' affidavit Dr. John Buttigieg u jishaq li fond numru 25 St. Francis Street Hamrun li huwa terran bl-arja tieghu gie ghandu u ir-rikorrenti l-ohra ghax intiret mir-rikorrenti minghand iz-zija taghhom certa Helen Gauci.  Dan il-fond skond hu huwa:

> *"ahna nikruh lill-intimati u juzawh principalment bhala garage ghal parking ta' vetturi".*

U jghid li l-intimati kienu moruzi fil-hlas ta' kera u wara li baghtilhom ittra ufficjali u ghaddew hmistax-il gurnata u marret l-

intimata Josephine Agius biex thallsu dak li kien dovut minnhom u huwa ma accettax dawn il-flejjes gew depozitati permezz ta' cedola bin-numru 1237/11. Hu jishaq li wara din il-prezentata ma saru l-ebda hlasijiet ohra[2].

Fis-17 ta' Ottubru 2016 xehed il-prokuratur legali Quentin Tanti li kkonferma l-korrispondenza a folio 22 tal-process.[3]

Xehdet Rosaria Buttigieg permezz tal-affidavit fejn ikkonfermat li xi hames snin qabel 2016 kienet marret ghandha, ossija d-dar taghhom, Josephine Agius, mart Charles Agius b'xi cekk biex tghaddih lil zewgha r-rikorrenti avukat John Buttigieg. Hija accettatu pero' meta kellmet lil zewgha hu qalilha li ma kienitx awtorizzata tiehu dan minnu u lanqas mir-rikorrenti l-ohra u b'hekk marret issib lil Josephine Agius u rritornat ic-cekk.[4]

Rega' xehed Dr. John Buttigieg fejn insista li l-fond jikkonsisti principalment f'garaxx u fil-fatt ghandu bieb ta' garaxx u li jesa' facilment zewg karozzi. Jghid ukoll li fuq wara hemm kamra ohra u bitha u li l-intimati nifdu minn-naha ta' wara u li sahansitra bnew ukoll l-arja tal-fond kollu.[5]

Xehed Carmel k/a Charles Agius permezz ta' affidavit u jiddikjara li l-fond kien bieghulu certa Anthony Bezzina maghruf bhala 'iz-Zinobju' . Dan gara fl-1973. Hu jghid li kien hemm karta li hu hallsu Lm1,000 lil Bezzina u li kienet saret f'daru stess u li kien qallu biex imur u jniffed il-fond mar-residenza tieghu. Hu jsostni:

---

[2] Fol. 10 tal-process.
[3] Fol. 33A tal-process.
[4] Fol. 35 tal-process.
[5] Fol. 41 tal-process.

*'U jiena hekk kont ghamilt u z-Zinobju kien ta' spiss jigi s'hemm biex jara x-xogholijiet li kont qieghed naghmel biex stajt inniffed iz-zewg postijiet.*

Hu jghid li kien hemm kawzi ohra fuq l-istess fond imma dawn kollha kienu ntilfu mill-werrieta ta' Anthony Bezzina li hu jiddeskrivih bhala negozjant li jaghmel li jaqbel lilu. Izid jghid li l-Avukat Buttigieg kien serrahlu rasu tramite ibnu Hugh fuq dan il-fond u jghid li x-xoghlijiet kienu saru bil-permessi tal-PAPB.[6]

Xehdet ukoll Josephine Agius fejn ikkonfermat dak kollu li qal zewgha fl-affidavit tieghu. Tghid ukoll li meta zewgha kien kellem liz-Zinobju hija kienet mieghu. Tghid pero' li ma kienitx mieghu meta zewgha hallas liz-Zinobju ghax kellha bzonn toqghod mat-tarbija pero' tiftakar li kienet taghtu Lm1,000 *cash*[7].

Xehed iben l-intimati Hugh Agius u jghid li l-ewwel li sar jaf bil-problema kienet meta cemplitlu ommu ghax kienu ircevew ittra mill-Qorti. Hu jghid li kienu nifdu id-dar fl-1974. Jghid li kien mar ikellem lill-Avukat John Buttigieg stess fl-ufficju tieghu il-Hamrun u li kien mar ma' certa Albert Gauci li kien ukoll midhla tal-kazin fejn kienu lkoll membri. Hu qallu li dak il-fond kien inxtara minn missieru minghand Anthony Bezzina u l-Avukat Buttigieg qallu '*issa naraw kif insibu soluzzjoni'*. Jghid ukoll li Bezzina, meta kien jaghmel negozju kien jghaddi l-karti lin-Nutar Cachia u li dan tal-ahhar kien inharaqlu kollox u li llum kien mejjet. Jispjega li waqt votazzjoni fil-kazin l-Avukat John Buttigieg kien rega' serrahlu rasu dwar il-fond u hu kien qal b'dan kollu mal-ewwel lil missieru.[8]

---

[6] Fol. 46 tal-process
[7] Fol. 47 tal-process.
[8] Fol. 48- 49 tal-process.

Gew prezentati erba' (4) kopji ta' sentenzi permezz ta' nota a folio 61 tal-process minn Carmelo Agius.

**Ikkunsidra:**

Il-Bord jidhirlu li l-punt tat-tluq ghal din il-vertenza ghandu jkun l-erba' sentenzi ezebiti in atti mill-intimati biex jara x'kien gie deciz f'dawn l-istanzi peress li jitratta l-istess fond u l-istess partijiet.

Fil-kawza **Professur Ian Refalo et vs Carmel sive Charles u Josephine mizzewgin Agius** deciza minn dan il-Bord kif diversament presedut (Rikors 15/2001/1) datata 18 ta' Jannar 2006 it-talba kienet identika ghal dik li l-Bord ghandu llum ossija ghall-izgumbrament minhabba morozita' fil-hlas.

F'dan il-kaz il-Bord kien cahad it-talba tar-rikorrenti fuq iz-zewg kawzali.[9]

Ra l-appell intavolat mir-rikorrent ghad-decizjoni hawn fuq surifferita u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell preseduta mill-Imhallef Philip Sciberras (Appell Civili Nru. 15/2001/1) datata 4 ta' Ottubru 2006. Il-Qorti tal-Appell kienet qalet fl-imsemmija sentenza:

> *"Hu minnu li ma hallasx kera ghal zmien twil u lanqas ma hallas wara, l-interpellazzjonijiet li saru m' humiex bizzejjed biex tintlaqa' talba ghal zgumbrament. Mhux l-ghan tal-ligi li s-sid f' daqqa jintebah u jitlob it-tkeccija tal-kerrej."*

Din il-qorti cahdet l-appell tar-rikorrenti hlief ghat-tielet aggravju li kien jittratta dwar il-bzonn ta' ripristinar tal-fond[10]. Meta gie biex

[9] Fol. 63- 67 tal-process.

jerga' jiddeicidi fuq dan it-tielet aggravvju, il-Bord presdut mill-allura Magistrat Giovanni Grixti fid-decizjoni tat-13 ta' Jannar 2010 irrespinga t-talba ghar-ripreza tal-fond fuq bzonn ghall-uzu personali tal-qraba ta' Helen Gauci, bl-ispejjez kontra taghhom.

Il-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati, Avviz Numru 433/2022 datata 9 ta' Jannar 2007 preseduta mill-allura Magistrat Michael Mallia data 9 ta' Jannar 2007 kienet tittratta dwar l-istrutturi allegatament mibnija mill-konvenuti minghajr il-kunsens tal-aventi kawza tar-rikorrenti. Hawn ukoll ir-rikorrenti ma inghatawx ragun.[11]

**Ikkunsidrat:**

Ghall-Bord hu aktar milli evidenti li <u>l-ghan tar-rikorrenti hu li jizgumbraw lill-kerrej akkost ta' kollox.</u> Dan hu altru milli hu evidenti mhux biss mill-kawzi u decizjonijiet hawn fuq citati imma ukoll mill-fatt li wara l-ittra ufficjali tas-27 ta' Mejju 2011. Tajjeb li wiehed ihares lejn x'inhu l-iskop tal-ittra ufficjali Il-ligi hija riprodotta hawn taht.

> *"889. (1) L-iskop tal-protest huwa dak li bih wieħed jagħmel sejħa jew dikjarazzjoni solenni biex iqiegħed lil ħaddieħor f'malafidi jew biex iżomm sħaħ il-jeddijiet tiegħu nnifsu.*
>
> *(2) Iżda, meta l-liġi trid li din is-sejħa jew dikjarazzjoni ssirb'att ġudizzjarju mingħajr ma tgħid f'liema forma, din is-sejħa jewdikjarazzjoni tista' ssir b'ittra uffiċjali.*

[10] Fol. 68-74 tal-process.
[11] Fol. 75- 78 Tal-process.

*(3) Meta l-liġi ma tgħidx il-mod li bih din is-sejħa jew dikjarazzjoni għandha ssir, din is-sejħa jew dikjarazzjoni tista' ssir bil-fomm.*

*890. Il-protest jew l-ittra uffiċjali jibdew iseħħu minn dak in-nhar tan-notifika."*

L-intimata Josephine Agius marret personalment bil-kera fir-residenza tar-rikorrenti avukat John Buttigieg, halliet cekk ma' martu u dan meta kkomunika ma' martu taha istruzzjonijiet biex terga' tiehu lura ic-cekk ghand l-intimata. Fil-fatt hija hekk ghamlet.

**Dan hu abbuz mis-sistema tal-ittra ufficjali li ma ghandux ikun specjalment minn persuna, bhar-rikorrent Buttigieg li huwa midhla u istruwit fil-kamp legali.** Fil-fatt l-intimati, kif del resto mistqarr mill-istess Avukat John Buttigieg, ipprezentaw cedola bin-numru 1237/11 ftit tal-jiem wara li ic-cekk ma giex accettat, anzi kif inghad gie accettat minn Rosaria Buttigieg, mart wiehed mir-rikorrenti u wara gie rritornat lura minn stess apparentement ftit sieghat wara. Ghaldaqstant l-ittra ufficjali tas-27 ta' Mejju 2011 kellha ezitu pozittiv u ma jistax jinghad li l-intimati meta kienu interpellati mir-rikorrenti injoraw il-kontenut taghha.

Permezz tal-artikolu 9 (a)(i) tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid testwalment hekk:

*"Għall-għanijiet ta' dan il-paragrafu:*

*(i) il-kerrej jitqies li jkun naqas milli jkun puntwali fil-ħlas tal-kera jekk dwar kull waħda minn żewġ skadenzi jew*

*iżjed ma jkunx ħallas il-kera fi żmien ħmistax-il jum minn dak in-nhar illi sid il-kera jitolbu l-ħlas;"*

Jidher car li l-iskadenzi jridu jkunu tnejn u ladarba l-ittra ufficjali gie pozittivament percepita tant li l-intimati hallus allura hija BISS it-talba ghal hlas permezz tat-tieni ittra ufficjali li wiehed jista' jghid li ma gietx milqghuha b'mod pozittiv. Ghaldaqstant ma jistax jinghad li l-ispirtu ta' dan l-artikolu gie sufficentement ippruvat mir-rikorrenti.

Barra minn dan kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell hawn fuq supracitata l-legislatur irid kemm jista' jkun jipprotegi l-inkwilin u mhux ghal kull skuza frivola s-sid jipprova jivvessa lill-kerrej b'theddid jew addirittura b'azzjoni ta' zgumbrament kif inhu l-kaz li qed jigi mistharreg minn dan il-Bord.

**Ikkunsidra:**

Ir-rikorrenti qed jibqghu jinsistu li l-fond huwa garaxx. Is-sentenzi hawn fuq citati diga' kienu ddecidew mood iehor. Jekk, vera li xi darba dan gie imwilli bhala garaxx, jidher car li l-antekawza tar-rikorrenti b'xi mod kienu taw il-kunsens taghhom biex issir l-estenzjoni. Il-Bord ma jidhirlux li ghandu jinoltra ruhu aktar fuq dan il-punt. Il-fond 25 St. Francis Street Hamrun, illum, u dan ilu is-snin issa, jaghmel parti mir-residenza tal-intimati u allura jgawdi l-protezzjoni tal-ligi bhala estensjoni ta' fond residenzjali taht il-kappa tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha l-ohra mhux qed taccetta l-argument tal-intimati li dan il-fond kien inxtara. Din l-asserzjoni ma ssib l-ebda bazi anzi hija kontradetta mhux biss mis-sentenzi hawn fuq citati izda wkoll mid-depozizzjoni ta' Carmel Agius kif indikat aktar 'il fuq ghax jekk xi

hadd ibieghlek proprjeta' allura ma jkunx hemm ghalfejn jigi jiccekkja l-progress tax-xoghlijiet li inti tkun qed taghmel f'dik il-proprjeta'. Ghaldaqstant hu ultra milli evidenti li Anthony Bezzina, 'iz-Zinobju' meta kien imur jittawwal ix-xoghlijiet ried jizgura li dak li qed isir qed isir fuq dak li kien hemm pattwat bejn il-partijiet. Barra minn hekk, dan l-argument li hu altament fieragh ma jregix meta wiehed jikkunsidra wkoll ir-risposta tal-intimati li imkien ma jghidu li l-fond *de quo* huwa taghhom, imma jidhlu biss fil-kwistjoni tal-kera.

**Decide:**

Ghal dawn il-motiva il-Bord qed jichad it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti **b'dan illi jaghmilha cara daqs il-kristall li kull kera dovuta lir-rikorrenti ghandha tigi saldata immedjatament skont il-ligi** halli jigu evitati aktar vertenzi bejn il-partijiet u allura aktar pizijiet fuq il-Qrati u l-Bordijiet tal-pajjiz.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur